Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2554

17.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2554

tas-16 ta' Novembru 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2682 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jingħata appoġġ lill-atturi militari u l-flotot navali tal-istati kostali involuti f'operazzjonijiet ta' sigurtà marittima fil-Golf tal-Guinea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Novembru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2682 [1], li tistabbilixxi miżura ta' assistenza fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) b'appoġġ għall-atturi militari u l-flotot navali tal-istati kostali involuti f'operazzjonijiet ta' sigurtà marittima fil-Golf tal-Guinea (GoG), b'ammont ta' referenza finanzjarja ta' EUR 21 000 000.

(2) Fit-28 ta' Mejju 2026, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà appoġġja r-riallokazzjoni maħsuba tal-fondi disponibbli fil-pilastru tal-miżuri ta' assistenza tal-EPF fl-2026, fosthom iż-żieda ta' EUR 10 000 000 fl-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-miżura ta' assistenza reġjonali b'appoġġ għas-sigurtà marittima fil-Golf tal-Guinea.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2682 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2682 hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-forniment ta' servizzi ta' Intelligence, Sorveljanza u Rikonjizzjoni (ISR) permezz ta' assi tal-ajru bi bdot abbord, għal perjodu ta' sentejn; iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Operazzjonijiet Marittimi tal-flotta navali tal-Kamerun ta' Douala għandu jkun responsabbli milli jirċievi, jipproċessa ulterjorment, u jaqsam l-informazzjoni tal-ISR maċ-ċentri reġjonali u ċ-ċentri ta' koordinazzjoni marittima l-oħra tal-Arkitettura ta' Yaoundé permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni Reġjonali tal-Arkitettura ta' Yaoundé;";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 67 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 31 000 000.".

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2682 tas-27 ta' Novembru 2023 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex jingħata appoġġ lill-atturi militari u l-flotot navali tal-istati kostali involuti f'operazzjonijiet ta' sigurtà marittima fil-Golf tal-Guinea (ĠU L, 2023/2682, 28.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2682/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Novembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS